Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Christina Delia]

vs

Akaki Tamazashvili

Kumpilazzjoni Numru: 677/19

Illum, 8 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Akaki Tamazashvili detentur tal-karta tal-identita` numru 218887A u passaport Gorgjan numru 18AB80576 akkuzat talli nhar is-7 ta' Ottubru 2019 ghall-habta ta' bejn 14:30Hrs u 14:45Hrs gewwa Triq il-Mosta, H'Attard:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ibrahim Abdulaye skond kif iccertifika Dr. Daniele Lauretta Agius ta' l-Isptar Mater Dei;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat illi l-imputat ikkoopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Akaki Tamazashvili hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Akaki Tamazashvili l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**